A.L. 46 ta' l-1999

ATT TA' L-1994 DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT (ATT NRU. XIV TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment, il-Ministru tal-Finanzi, bil-parir taċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Att". Att XIV ta' l-1994.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Marzu, 1999.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att.

2. Fil-partita 3 li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att minflok il-kliem "Xogħol bħala *manager*, amministratur, segretarju jew reġistratur dwar xi strument," għandhom jidħlu l-kliem "Xogħol bħala *manager*, amministratur jew reġistratur dwar xi strument,'.